# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2837

**Kaz Numru 3787/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Simon John Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 31480M**

**u**

**Kane LPI Solutions (Malta) Limited, kumpannija registrata Malta bin-numru C37749**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 15 ta' Gunju, 2022**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Simon John Xuereb fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar is-26 ta' Settembru 2019 fejn sostna li l-impjieg tieghu gie terminat bhala allegatament *redundancy* mhux genwina u li tammonta ghal terminazzjoni ngusta u mhux skond il-ligi. Is-socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impjieg ghal ragunijiet ta' redundancy kienet decizjoni valida. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tnax-il seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Simon John Xuereb li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Profs. Ian Refalo u l-Avv. Gabrielle Scicluna. Fl-istadju tat-trattazzjoni finali Xuereb kien assistit minn Dr. Mark Muscat.

Kane LPI Solutions (M) Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta' ntimata kienet irraprezentata mis-Sja. Graziella Vella assistita mill-Avv. Paul Gonzi u mill-Avv. Mattea Pullicino.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-socjeta' ntimata fil-kariga ta' *Database Administrator* sa mit-28 ta' Marzu 2011 permezz ta' kuntratt definit ta'12-il xahar, fejn wara l-iskadenza tieghu, huwa baqa' jahdem mas-socjeta' ntimata, fejn kien ifisser li l-ingagg tieghu sar wiehed indefinit. L-irwol tieghu kien primarjament inkarigat bil-manutenzjoni tad-*Database iGas / Database Oracle*.

F'Novembru 2014 is-socjeta' ntimata hadet decizjoni biex twaqqaf l-uzu tas-*Software iGas* u taqleb lejn sistema gdida *IMS Platform,* fejn matul 2018-2019 kien hemm transizzjoni tal-bicca l-kbira tal-klijenti minn *iGas* ghall-*IMS.*

Din id-decizjoni fissret li malli l-maggoranza tal-klijenti kienu ghamlu t-transizzjoni lejn IMS, is-sistema iGas saret *redundant,* u dan bil-konsegwenza li s-socjeta' ntimata ddecidiet li l-irwol ta' *Database Administrator* ma kienx aktar mehtieg.

Nhar l-10 ta' Gunju 2019, is-socjeta' ntimata nfurmat lill-Appellant formalment li l-impjieg tieghu kien ser jigi terminat a bazi ta' *redundancy*. Fejn mir-*records* ta' Jobsplus id-data tat-terminazzjoni hija ndikata bhala s-27 t'Awissu 2019.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Graziella Vella** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija *Managing Director* u *Group Head Operations* tas-socjeta' ntimata. Hija qalet li s-socjeta' ilha topera sa mill-2011. Hija spjegat li qabel is-socjeta' kienet taghmel parti mill-HSBC Group bhala HSBC Insurance Management, fejn kienu jaghmlu *back-office operations* ta' *Insurance & Investment Companies*. Hija spjegat li fl-isem tas-socjeta' ntimata LPI jfissru *Life, Pensions, Investments,* fejn il-klijenti huma kumpaniji nternazzjonali fejn jisservisjawlhom il-*policies* taghhom.

Hija kompliet tispjega f'certu dettall ix-xoghol li jsir fejn inizjalment kienu juzaw is-sistema 'iGas'. Hija qalet li fil-bidu kienu baghtu lil Charlemagne Caruana (*Group IT Manager*) barra minn Malta ghal tlett xhur biex jibni tali sistema ghar-rekwiziti tas-socjeta'. Hija kompliet li meta kienu waslu biex xtraw l-HSBC Insurance Management minghand l-HSBC raw li kellhom bzonn *Database Administrator* taghhom ghaliex kienu jinqdew b'wiehed tal-HSBC *IT Team*, u fejn eventwalmewnt kien gie ngaggat Simon Xuereb f'dak il-grad. Ix-xhud qalet li sa fejn taf hi f'dak iz-zmien kien hemm 7 impjegati fuq *operations* u 2 fl-*IT* li wiehed minnhom kien l-Appellant.
Ix-xhud spjegat li meta bdew jaghmlu kuntatti sabiex il-klijenti jizdiedu ttendew li s-sistema 'iGas' li kienet tahdem fuq id-*database* Oracle u li kienet for *internal purposes* biss u cjoe' ma kienetx *internal web based* kienet qed tirrendijhom mhux kompetittivi fis-suq. Hija kompliet li fl-2014 issiehbu ma' Luis Londono li kellu kumpanija tieghu Belucases, u li kien jahdem fuq sistema Nebula bhala *sub-contractor*, fejn gew konxji li din kellha potenzjal, u hemmhekk iddecidew li jadottaw l-IMS, sakemm f'Jannar 2018 saret il-*migration* ta' wiehed mill-akbar klijenti taghhom ghal fuq l-IMS. Ix-xhud qalet li Belucases illum m'ghadhiex tezisti u l-impjegati taghha li kienu *developers* gew assorbiti ma' Kane. Hija spjegat li llum Londono huwa *shareholder* u mpjegat bhala *Chief Tech. Off. IT* ma' Kane. Dan sehh fl-2018.
Hija spjegat li d-*database* li bdiet tigi uzata kienet Postgres, sistema li m' ghandhiex bzonn manutenzjoni l-hin kollu u allura ma kienx hemm il-htiega ta' *Database Administrator*.
F'dan il-kuntest hija spjegat li f'dik il-kariga l-Appellant kien l-uniku mpjegat. Hija tenniet li mall-kumpanija llum ma hemm hadd f'dik il-kariga. U m'humiex qeghdin ifittxu li xi hadd biex jimliha.
Ix-xhud wara ghaddiet tispjega l-istruttura tal-*IT Team* tas-socjeta' li huwa maghmul minn *System Head of IT*, u 3 *System Administrators*. Hija qalet li mil-lat ta' salarju l-grad ta' *System Administrator* huwa nferjuri ghal dak ta' *Database Administrator*. Ix-xhud tenniet li sa fejn taf hi, qabel gie deciz li l-Appellant jigi ssensjat huwa kien inghata cans li jkun *System Administrator* izda ma ffittjax. Hija spjegat li l-iGas kwazi giet *demolished*, fejn fadlilha biss klijent wiehed Old Mutual International u li qed isir xoghol sabiex dan ukoll jitmexxa fuq IMS. Hija spjegat li fuq dan il-klijent ftit qed isir xoghol ghaliex huma '*close book of business'* u mhux '*ongoing business'*. Hija qalet li ghal dan il-perjodu temporanju kienu avvicinaw lis-*service provider* li minghandu kienu jixtru s-sistema u hallsuh sabiex jamministralhom id-*database*.
Hija sahqet li l-Appellant kien jaf li x-xoghol kien ser jigi mghoddi minn fuq l-iGas ghal fuq l-IMS, *migration* li hadet zmien mhux qasir. Hija spjegat li peress li bis-sistema l-gdida ma kienx ser ikun hemm bzonn ta' *Database Administrator* u li l-Appellant kien l-uniku wiehed f'dik il-posizzjoni, kien hu l-uniku wiehed li gie maghmul *redundant*.

Ix-xhud qalet li waqt li l-Appellant kien ghadu fl-impjieg kienu gew impjegati *Systems Administrators*. Hija spjegat li dan huwa grad inferjuri minn dak li kellu l-Appellant u jaghmlu xoghol differenti minn dak ta' *Database Administrator,* il-grad li kellu l-Appellant. Hija tenniet li dan ix-xoghol seta' jaghmlu l-Appellant pero' huwa hafna inqas minn dak li kellu hu. Hija stqarret li tali grad ma kienx gie offrut lill-Appellant qabel ma gie ssensjat, ghaliex din kienet tfisser *demotion*. Hija qalet li fil-prezent hemm tlett *Systems Administrators*.
Ix-xhud ikkonfermat illi fl-2015 kienet awtorizzat zieda ta' €7,000 fis-salarju tal-Appellant u tahrig fuq is-sistema IMS.
Ix-xhud stqarret li l-Appellant ma kienx pre-avvizat li kien ser jigi ssensjat. Hija qalet li dakinhar li kien gie mgharraf bit-temm tal-impjieg tieghu huwa kien infurmat li kienu ser ihallsuh tan-*notice period* u offrut ammont addizzjonali. Hija qalet li l-Appellant ma kienx accetta dan l-ammont addizzjonali offrut lilu. Hija tahseb li l-offerta ma kienetx giet accettata mill-Appellant ghaliex ghalih l-ammont ma kienx bizzejjed. Hija qalet li kienu rcevew ittra minghand l-avukat li huwa (tal-Appellant) ma kienx qed jaccetta l-offerta li kienet saritlu.
Hija kkonfermat ittra mibghuta lill-Appellant fid-19 ta' Gunju 2019 (9 ijiem wara li kien gie ssensjat), fejn kien qed jintalab jirrizenja u offrut *certificate of service,* li pero' qatt ma nghata.
Ix-xhud qalet li d-decizjoni tar-*redundancy* tal-Appellant ma kellha x'taqsam xejn ma' kaz li hemm involut fih Charlemagne Caruana.

**Luis Londono** xehed permezz ta' Affidavit fejn beda billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Chief Technology Officer* mas-socjeta' ntimata sa minn Jannar 2018. Huwa qal li s-socjeta' tispecjalizza fl-izvilupp u timmaniggja b'mod kontinwu *administrative solutions* fis-settur ta' *International Life, Pension & Investment*. Huwa spjega li bhala parti mis-servizz li toffri s-socjeta' lill-klijenti jsir bl-uzu ta' *technical & software solutions*. Ix-xhud qal li huwa bbazat fl-Istati Uniti u qatt ma kien rilokat f'Malta, izda kien jigi Malta xi 4 darbiet fis-sena. F'dan il-kuntest huwa spjega li l-kumpanija ma toperax biss minn Malta izda ghandha lokazzjonijiet ohra fil-Bermuda u f'Dubai.
Ix-xhud qal li qabel ma gie ssensjat l-Appellant kien impjegat sa mill-2011 bhala *Database Administrator* u li f'liema data hemm mahzuna *data* estensiva tal-klijenti. Huwa tenna li fiz-zmien li l-Appellant kien impjegat mas-socjeta', sabiex fis-servizz li kienet toffri lill-klijenti taghha, hija kienet topera *specific solution* maghrufa bhala 'iGas' li kellha sistema li tahdem fuq *Oracle Database*. Huwa kompla li 'iGas' kienet sistema tradizzjonali, kumplessa hafna u kienet wahda '*non-cloud-based*'. Huwa qal li l-iGas kienet originarjament licenzjata mis-socjeta' minghand Airas Intersoft.
Huwa spjega li l-Appellant bhala *Database Administrator* kien specifikament impenjat biex jimmantjeni l-iGas u l-*Oracle Database* taghha sabiex jassigura servizz ta' livell gholi lill-klijenti u lill-awdituri.

Ix-xhud kompla li l-Appellant kien jirrapporta lil Charlemagne Caruana li kien ilu jahdem fuq l-iGas sa mill-2006 u li kellu esperjenza kbira bhala *Database & System Administrator*. Huwa tenna u spjega kif il-funzjonijiet ta' *System Administrator* u ta' *Database Administrator* huma materjalment distinti.
Ix-xhud qal li bl-izvilupp teknologiku li sehh matul is-snin ma kienx meqjus bhala vijabbli li tibqa' tintuza l-iGas u s-socjeta' ddecidiet li tibda process transitorju ta' sentejn fejn tinghalaq din is-sistema u taqleb ghal sistema gdida maghrufa bhala IMS.
Huwa qal li d-decizjoni li ssir il-qalba ghall-IMS ma ttiehditx b'xi ghagla jew b'mod legger, izda kienet wahda li ttiehdet wara diskussjonijiet u assessjar. Huwa tenna li huma riedu sistema li jkollha *full-online access* u li ma jibqghux dipendenti fuq *software system* mantenuta *in-house* u li s-sid taghha jkunu terzi.
Huwa spjega fid-dettall il-vantaggi teknologici u funzjonali tal-IMS u dan fil-paragun ma' 'iGas'.
Ix-xhud kompla li sa mill-2016, l-Appellant kien konxju bid-decizjoni li tigi mplimentata IMS u dan f'laqghat li kien jattendi ghalihom hu (l-Appellant) tal-*IT Planning & Scheduling*. Huwa sahaq li l-kumpanija kienet diga' qed tiehu mizuri lejn it-transizzjoni minn iGas ghall-IMS fl-2016, u l-Appellant diga' kien qed jara klijenti jmorru fuq IMS sa minn Jannar 2018. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li filwaqt li fl-iGas kien hemm *database* wahda biss, fl-IMS kien hemm *databases* separati ghal kull klijent. Huwa spjega ukoll li filwaqt li l-iGas kienet strettament *database*, bis-sistema l-gdida l-IMS kienet *database* u *additional systems* fejn kienu jintuzaw *different tools to storage data.* Ix-xhud tenna li meta kienet tintuza iGas, id-*database* kienet Oracle filwaqt dik ta' IMS kienet Postgres. Huwa tenna li l-Appellant ma kienx il-persuna li kienet timmannigja jew tiehu hsieb it-transizzjoni lejn is-sistema l-gdida. Huwa kompla li tali xoghol kien isir minnu (mix-xhud) u primarjament implimentat minn Roderick Zammit *System Administrator* u minn Charlemagne Caruana. Ix-xhud sahaq li l-Appellant kien parti mit-*team* li jimmoniterja IMS izda ma kienx jimmoniterja s-sistema fl-intier taghha.
Ix-xhud sostna li kien car ghal kulhadd inkluz ghall-Appellant li galadarba l-maggoranza tal-klijenti jkunu ccaqalqu lejn l-IMS, il-kumpanija ma jibqaliex il-bzonn ta' *Database Administrator* specjalizzat. Huwa tenna li bhal ma s-sistema iGas kienet ser tkun *redundant* hekk ukoll l-irwol ta' *Database Administrator.* Huwa qal li fil-fatt fil-frattemp li iGas bdiet tigi zarmata, x-xoghol tal-Appellant beda jonqos ghaliex huwa kien jahdem specifikament fuq l-iGas.
Ix-xhud qal li kienu bosta l-okkazjonijiet fejn is-socjeta' hegget lill-Appellant sabiex jintefa aktar lejn is-sistema IMS u jiddedika anqas hin fuq l-iGas u jibda jadotta funzjoni tixbah dik ta' *Systems Administrator* fuq IMS.
Huwa qal li fil-fatt f'Settembru 2016, kien ingieb *trainer* sabiex iharreg lill-Appellant fuq din is-sistema gdida, tahrig li attendew ghalih l-Appellant u Charlemagne Caruana.

Huwa sostna li bhala gest ta' nkoraggiment fl-2017 inghata zieda salarjali u kienu zdiedulu r-responsabilitajiet relatati ma' l-IMS inklinati lejn *system administration.*

Ix-xhud kompla li filwaqt li l-Appellant kien ghamel xi doveri minuri konnessi mall-IMS, mall-andament kien car li huwa (l-Appellant) kien qed jirrezisti l-bidla, fejn huwa kien qed jibghat sinjali li ma kienx ippreparat jew ma riedx jiffunzjona fir-rwol generiku ta' *Systems Administrator,* huwa kien determinat li jibqa' jiffoka fuq iGas minkejja li kien jaf li din kienet ser titwaqqaf fl-intier taghha. F'dan il-kuntest ix-xhud spjega li l-grad ta' *Systems Administrator* huwa inferjuri ghal grad ta' *Database Administrator*, li jkun imhallas aktar.

Ix-xhud qal li fl-2018 kienet ittiedet decizjoni li l-Appellant ikun jirraporta lilu bhala *CTO* minflok lil Charlemagne Caruana u dan fl-ambitu ta' sforzi sabiex l-Appellant ikun inkoraggit jaghmel aktar doveri konnessi mall-IMS.

Ix-xhud qal li bejn 2018-19 hafna mill-klijenti kienu gew integrati fl-IMS bl-ahhar lott ikun skedat li jintegra f'2020.

Huwa qal li f'Gunju 2019, Charlemagne Caruana kien irrizenja b'mod volontarju minn mall-kumpanija. Ix-xhud tenna li din kienet telfa sinifikanti ghall-kumpanija peress li Caruana kien persuna li kien ilu fl-impjieg sa mill bidu tal-kumpanija u kien persuna kompetenti li kien responsabbli mill-amministrar u l-immaniggjar ta' kull affari teknologika tal-kumpanija fejn kien jaf il-htiegijiet tal-klijenti.

Ix-xhud kompla li kienet ittiehdet decizjoni li Roderick Zammit fil-kariga ta' *Systems Administrator* u li kien l-id il-leminija ta' Caruana, u li kien kompetenti u wera x-xewqa li jkompli fejn kien halla Caruana fir-rigward tat-transizzjoni lejn IMS jitpogga minflok Caruana. L-Appellant kien konxju minn dan l-izvilupp kollu u qatt ma qajjem xi preokkupazzjoni. Huwa tenna li wara t-tluq ta' l-Appellant Xuereb, ix-xoghol ta' *Database Administrator* u dak tal-immaniggar ta' *iGas System* u l-*Oracle database* taghha m'humiex isiru la minn Roderick Zammit, l-anqas minn hadd mit-*team* tieghu, u l-anqas minn hadd konness mas-socjeta'. Huwa sahaq li tali xoghol m'ghadux mehtieg gewwa s-socjeta'. Ix-xhud tenna li bhala *Oracle Database Administrator* l-Appellant Xuereb kien jaf kif jimmannigja *Oracle RAC Setup*, xi haga li Roderick Zammit ma jafx jaghmel. Dan tennieh filwaqt li qal li Zammit jahdem bhala *Systems Administrator* fejn spjega fid-dettall x'inhu r-rwol ta' dan il-grad. Huwa spjega li meta tali funzjoni kienet tmiss ma' *computers* uzati mid-*databases*, Zammit u t-*team* tieghu kienu jirreferu lill-Appellant u jsegwu l-proceduri kif definiti minnu.

Ix-xhud qal li kien waqt laqgha fejn l-Appellant kien gie mgharraf ghall-ewwel darba bir-ragunijiet li ghalihom kien ser jigi mitmum l-impjieg tieghu. Huwa kompla li inseguito ta' din il-laqgha, l-kumpanija nfurmatu bil-miktub li l-impjieg kien ser jigi mitmum bhala *redundancy*.

Huwa qal li l-Appellant kien gie offrut pagament addizzjonali *ex-gratia*, mhux ghaliex kienu qed jaghmlu xi haga hazina izda sabiex ikun mghejjun

fic-cirkostanzi u dan jekk jaghmel '*a standard compromise agreement'*, fejn l-Appellant irrifjuta li jaghmel tali ftehim.
Ix-xhud tenna li kuntrarjament ghal dak li qed jallega l-Appellant, huwa verament kien l-uniku *Database Administrator* mall-kumpanija u ghaldaqstant ir-regola li min jidhol l-ahhar jispicca l-ewwel kienet rispettata, u fejn inghata n-*notice* u kull hlas dovut lilu skond kif titlob il-ligi.
Ix-xhud sostna li l-funzjoni ta' l-Appellant kienet giet abolita, fejn minfloku la gie mpjegat hadd u l-anqas hemm il-hsieb li jigi mpjegat xi hadd. Huwa qal dan filwaqt li spjega li minkejja li l-iGas ghadha tintuza fir-rigward ta' klijent li ghadu fuq din is-sistema, li qed tigi zmuntata, s-*software* taghha u tal-Oracle m'ghadux maniggjat minn Kane, izda minn terzi li huma Al London, li kienu holqu l-iGas. Huwa zied li ma' dan is-socjeta' m'ghadhiex topera aktar l-Oracle u Zammit u t-*team* tieghu m'ghadhomx isegwu l-proceduri konnessi maghha.
Huwa spjega li s-sistema li s-socjeta' qed tuza bhalissa hija IMS, fejn tintuza *PostgreSQL System*. Huwa qal li tali sistema tinkiseb bla hlas minn fuq l-Internet u fejn anke l-proceduri sabiex topera tali *database* jinkisbu bla hlas minn fuq l-Internet.
Huwa tenna li sfortunatament il-kumpanija ma ghadx ghandha bzonn *Database Administrator* specjalizzat, u kemm minhabba li l-Appellant kien wera resistenza li ssir it-transizzjoni bejn l-IMS u anke li jservi fi rwol ta' *Generic Systems Administrator,* il-kumpanija ma kienx fadlilha alternattiva ghajr li jintemm l-impjieg tal-Appellant a bazi ta' *redundancy*. Ix-xhud qal li meta ingieb konxju li kien hemm '*little engagement*' min-naha ta' l-Appellant lejn it-transizzjoni tas-sistema l-gdida, talab sabiex l-Appellant jibda jirrapporta lilu minflok lejn Caruana, fejn huwa kien isegwih fuq bazi regolari sabiex ikun assigurat li x-xoghol kien qed isir. Huwa qal li kien qieghed ihoss li kien hemm bzonn ta' *Project Manager* assenjat lill-Appellant. Huwa kkonferma li matul dawn is-snin ta' transizzjoni l-Appellant inghata zewg zidiet fis-salarju u dan ghaliex f'dan il-perjodu riedu jkollhom lil xi hadd jopera l-iGas u ma kienux jaffordjaw li jitilfuh.
F'dan l-isfond ix-xhud stqarr li meta kien gie deciz li huma ma jibqghux jiddiljaw bl-iGas, huma kienu temporanjament daru fuq il-kumpanija li kienet bniet is-*software* u bdew jiehdu hsieb huma tas-*software*, tal-installazzjoni u tad-*database*.
Ix-xhud sahaq li fil-fehma tieghu anke li kieku l-Appellant gie offrut il-grad inferjuri ta' *Systems Administrator* huwa ma kienx jaccettah ghaliex huwa (l-Appellant) kien juri li ma kellux interess f'dak ix-xoghol. Ix-xhud ikkonferma li huwa qatt ma ddiskuta mall-Appellant din l-offerta u ta varji ragunijiet amministrattivi ghala dan ma sarx.
Ix-xhud ikkonferma wkoll li meta l-Appellant beda fl-impjieg tieghu, huwa kien gie ngaggat bhala *Database Administrator* u mhux specifikament ma' xi *brand* partikolari.

Ix-xhud sahaq li sal-lum, il-kumpanija ma mpjegat lil hadd fil-posizjoni ta' *Specialist Database Administrator*. Huwa qal li min-naha tal-*HR* hadu hsieb sabiex l-Appellant jinghata l-hlas kollu dovut lilu bil-ligi, izda tenna li anke kienu offrewlu li jinghata '*redundancy payment*' fl-ammont daqs ta' 7 xhur salarju, izda huwa (l-Appellant) rrifjuta ghaliex qies dan l-ammont bhala inaccettabbli.
F'affidavit separata, x-xhud ta spjegazzjoni teknika elaborata tad-differenzi bejn *Oracle RAC Configuration* li kienet tintuza fl-iGas u dik gdida IMS *Cloud Computing Configuration.*
Huwa spjega li fl-operazzjoni ta' *cloud machines* m'huwiex mehtieg *'specialized knowledge in Oracle Software & Tools'*. Huwa tenna li s-*System Administrators* ma' Kane ilhom snin familjari mat-*tools* sabiex jimmanigjaw *generic virtual machines* u ghaldaqstant fl-ambitu tal-firxa fl-uzu ta' *cloud computing*, hafna *Systems Administrators* illum juzaw tali funzjoni ta' *cloud computing* bhala parti mir-rwol taghhom.

**Simon John Xuereb** xehed kemm in persona u anke permez ta' affidavit. Huwa beda billi qal li huwa kien ilu jahdem mas-socjeta' ntimata ghal madwar seba' snin u dan bhala *Database Administrator*, fejn kien responsabbli mid-*databases* kollha ta' Kane. Huwa ta spjegazzjoni elaborata ta' x'kienu jikkonsistu d-doveri tieghu, fejn spjega li fil-kuntratt tax-xoghol kellu li jrid ikun flessibbli f'xogholu u fejn minn zmien ghal zmien kien jista' jkun mehtieg jaghmel doveri addizzjonali jew alternattivi bhal ta' *Systems Administrator*. Huwa kompla li s-sistemi principali li kienu wzati ma' Kane kienu iGas u IMS, u li huwa hadem fuqhom it-tnejn.
Ix-xhud stqarr li filwaqt li l-grad ufficcjali tieghu kien dak ta' *Database Administrator* fil-bidu huwa kien jaghmel ix-xoghol ta' *System Administrator*. Ix-xhud sahaq li x-xoghol li kien jaghmel hu bhala *Database Administrator* illum qieghed isir minn xi hadd pero' jissejjah *Systems Administrator* bhala grad.
Huwa tenna li biex wiehed jaqleb minn *Systems Administrator* ghal *Database Administrator* kull ma jrid isir huwa li jinghata l-*password* tad-*database*. Ix-xhud insista li f'kumpanija finanzjarja, d-doveri ta' *Database Administrator* huwa materjalment impossibbli li ma jibqghux isiru.
Huwa spjega li fiz-zmien li huwa spicca, l-kollega tieghu li kien Roderick Zammit kien baqa' fl-impjieg u li dan kien gie mpjegat warajh. Huwa kompla li bhala l-aktar wiehed anzjan f'dan ix-xoghol huwa kien jghaddi certu *knowledge* kemm lil Roderick u kollegi ohra, fejn kienu jsegwu x-xoghol ta' *Database Administration*.

Ix-xhud stqarr li huwa qatt ma kellu mpjegati ohra taht ir-responsabilita' tieghu u tenna li Roderick Zammit bhala struttura kien fl-istess livell tieghu u huwa (x-xhud) kien kapaci jaghmel id-doveri li kien jaghmel hu (Zammit).
Ix-xhud kompla li fl-2014, kien gie pprezentat lilhom Luis Londono bhala *Business Partner* sabiex jizviluppa s-sistema IMS, izda huwa ma kienx impjegat

ta' Kane. Huwa kompla li meta dan gie, l-kumpanija kienet ipprezentatu bhala l-*Manager* tieghu u kellu jirrapporta lilu. Qabel kemm huwa u anke Roderick Zammit kienu jirraportaw lil Charlemagne Caruana.
Huwa tenna li ma kienetx verita' li jinghad li mall-bidla ghall-IMS ix-xoghol ta' *Database Administrator* ma kienx ghad hemm bzonnu u dan ghaliex l-IMS ghandha *database* jisimha Postgres u x-xoghol fuqha ta' *Database Administrator* ghadu qed isir.
Ix-xhud tenna li filwaqt li huwa ma zviluppax is-sistema IMS ghax ma kienx *Developer* u ghaliex ma kienx l-irwol tieghu, pero' mall-introduzzjoni taghha holoq l-infrastruttura ta' dan il-programm, fejn ghazel il-magni li riedu jinxtraw, is-*suppliers*, u l-*operating systems*.
Ix-xhud sahaq li sa minn qabel spicca bhala volum ix-xoghol zdied u x-xoghol tieghu ta' *database administrator* baqa' jsir. Huwa tenna li dak ix-xoghol ma jistax isir minn magna izda jrid isir minn uman. Ix-xhud qal li *Database Administrator* ma jistax ikun maghmul *redundant* minn istituzzjoni finanzjarja ghaliex id-*database* dejjem trid tkun amministrata.
Huwa sahaq li fl-ebda mument huwa ma kien infurmat ufficcjalment jew mhux ufficcjalment li l-posizzjoni tieghu bhala *Database Administrator* kienet ser tinbidel jew mhedda. Huwa tenna li l-ewwel darba li sema' b'dan kien fl-10 ta' Gunju 2019 fejn kien mgharraf li kien ser jigi ssensjat. Huwa qal li Kane qatt ma offrewlu mpjieg alternattiv.
Ix-xhud sahaq li huwa qatt ma kellu ntenzjoni jirrizenja minn mall-kumpanija u qatt ma kkonsidra li jaccetta t-termini offruti mill-kumpanija fl-ittra tad-19 ta' Gunju 2019 ghaliex dawn kienu marbuta mar-rizenja tieghu mill-impjieg.
Ix-xhud stqarr li f'xi zmien wara li kien spicca mill-impjieg beda jaghmel xi xoghol *part-time self-employed* u llum huwa *full-time student* l-Universita'. Huwa qal li pogga ismu u baghat *CV's* ma' zewg *recruitment agencies*, ma' Castille u Arrow.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Paul Gonzi** ghas-socjeta' ntimata beda billi qal li bhala stat ta' fatt li gie pruvat mis-socjeta' ntimata, li tramite l-bidla li l-kumpanija ghamlet fl-infrastruttura kompjuterizzata taghha, l-irwol ta' *Database Administrator* sar superfluwu u kien ghalhekk li l-Appellant safa ssensjat.

Huwa kompla li fix-xhieda tieghu l-Appellant allega minghajr prova li x-xoghol ta' *Database Administrator* 'xi hadd jaghmlu, ma tistax taghmlu magna' izda meta gie mistoqsi direttament jekk setax jindika min, ghax skond hu fis-socjeta' ntimata baqa' jaghmel ix-xoghol ta' *Database Adminstrator*, huwa ammetta li ma seta' jindika lil hadd, u dan propju ghaliex is-socjeta' ntimata m'ghandha l-ebda persuna ngaggjata maghha jew minnha biex jaqdi l-funzjoni ta' *Database Administrator*. Huwa sahaq fuq dan il-punt fejn irrefera ghax-xhieda ta' Londono

u kkwota '*since the departure of Simon Xuereb, the work of Database Administrator at Kane and additionally the work of managing the iGas System and its' Oracle databases are not being done by Roderick Zammit, nor any member of his team, nor anyone else connected with Kane. This work is no longer required by Kane'.*

Dr. Gonzi spjega li ghal zmien qasir is-sistema iGas giet moghtija lura lill-bejjiegh originali, dan sar b'installazzjoni totalement gdida gestita, konfigurata u operata biss mill-bejjiegh, stante li l-bejjiegh ma setax jaccetta li jopera dak li kien hemm, dan sar biss sakemm emigraw l-ahhar klijenti ghal fuq is-sistema l-gdida u ghaldaqstant din kienet mizura temporanja. Huwa kompla li tant kien hekk illi ftit wara li gie ssennsjat l-Appellant l-ahhar klijent gie emigrat ghal fuq is-sistema l-gdida u b'hekk is-sistema iGas giet kompletament abolita u s-socjeta' m'ghad ghandha l-ebda klijent fuqha.

Dr. Gonzi ghamel referenza fil-kaz Rosario Vella vs Carmelo Cutajar (Tribunal Industrijali Decizjoni Nru. 895/1997) fejn giet ikkwotata l-'I.L.O. Recommendation on Termination of Employment No.119 Art.2 li tipprovdi s-segwenti definizjoni ta' *redundancy* - *'a superfluity caused in view of operational requirements of the undertaking'.*

Fir-rigward tal-kumpens offrut mill-kumpanija, Dr. Gonzi tenna li dan sar bhala '*a goodwill offer'*, u dan sar minghajr pregudizzju peress li riedet tiffacilita t-transizzjoni ghall-Appellant, izda dan sar minghajr ma ammettiet li ghamlet xi haga hazina jew li kisret xi ligi jew li ma kellhiex il-jedd li taghti s-sensja. Huwa sahaq li s-socjeta' ntimata agixxiet b'mod uman lejn l-Appellant li madanakollu, ghal raguni li jaf hu, ddecieda li ma jaccettax l-offerta u nsista li kellu dritt ghall-kumpens oghla.

**Dr. Mark Muscat** ghan-nom tal-Appellant beda billi qal li meta Charlemagne Caruana li kien jokkupa l-grad ta' *Database & System Administrator* irrizenja huwa gie sostitwit minn Roderick Zammit, dan kien ifisser li huwa sar jokkupa l-kariga li kellu Caruana, tant li Zammit li kien jokkupa kariga ta' l-istess livell u grad tal-Appellant kienu jirrapurtaw lill-istess Superjuri l-ewwel lil Caruana u wara lil Londono.

Dr. Muscat sostna illi galadarba l-funzjoni tal-Appellant kienet marbuta mall-uzu tal-iGas ghall-klijenti taghha u li mat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu s-socjeta' kellha tqabbad kuntrattur estern sabiex iwettaq dik il-funzjoni minflok l-Appellant, tali *outsourcing* jinkwadra taht il-provedimenti tal-Art 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u l-provedimenti tal-ligi sussidjarja 452.85.

Dr. Muscat sahaq illi l-funzjoni ta' *Databsae Administrator* sar aktar mehtieg minn qatt qabel u dan ghaliex minn *database* wahda, skond kif xehed Londono, illum il-gurnata s-socjeta' ntimata ghandha bejn 20-30 *database* x'tamministra.

Dr. Muscat sostna li r-raguni vera ghalfejn gie terminat l-impjieg tal-Appellant kien li huwa kellu renumerazjoni gholja aktar minn tal-kollegi tieghu u ghalhekk ghaddew is-sistema iGas lill-kuntrattur.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kienetx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Dwar l-argument min-naha tal-Appellant u li gie mqajjem biss waqt it-trattazzjoni finali, li dan il-kaz jinkwadra '*transfer of business'*, it-Tribunal jaghraf li dan l-argument qatt ma gie sollevat fi stadju tal-provi u allura qatt ma zviluppat il-fakulta li jkun dibattut.

Minn dak li gie sponut waqt dan il-process, lit-Tribunal ma jirrizultalux li fil-grad li kellu l-Appellant kien hemm xi hadd b'anqas *seniority* minnu li baqa' fl-impjieg mall-kumpanija li maghha kien impjegat wara li gie ssensjat hu. Matul dan il-process gie sponut ukoll il-fatt li l-Appellant sa mill-bidu tal-impjieg tieghu mas-socjeta' ntimata minn dejjem kien jokkupa l-grad ta' *Database Administrator* u fejn allura ma setax ikun skattat dak li fil-qasam tal-amministrazzjoni tar-Rizorsi Umani huwa maghruf bhala '*reversionary right*', peress illi l-Appellant ma kien jokkupa l-ebda grad qabel dak ta' *Database Administrator'*. Lit-Tribunal ma jirrizultalux li kien hemm xi pjan min-naha tal-kumpanija appositament mahsub sabiex l-Appellant jitnehha mix-xoghol.

Kaz bhal dawn ta' allegati '*redundancies*' waqt li jqajjmu aspettattivi emottivi li huma komprensibbli f'dimensjoni umana, jridu jigu nkwadrati fil-kuntest tekniku tal-ligi vigenti. U fejn il-kumpanija tkun hadet certi mizuri fejn ghamlet tibdiliet fl-infrastruttura teknologika taghha ghal sistema aktar intelligenti u efficcjenti biex tissana u tissalvagwardja sija l-kapital socjetarju u l-istess investiment tas-socji u sija l-post tax-xoghol tal-haddiema l-ohra.

Is-socjeta' ntimata aderiet ruhha mad-dispozizzjonijiet legali tal-ligi fejn jirrigwardja '*last in first out*' u li fil-perjodu annwali ma sar l-ebda ngaggjar ta' xi persuna li qed taghmel l-istess doveri li kien jaghmel l-Appellant.

F'dan il-kuntest tajjeb jinghad illi fil-legislazzjoni Maltija kurrenti ma jezisti l-ebda obbligu legali li min ihaddem irid jaghti xi mpjieg alternattiv lill-impjegat li

jkun ser jigi ssensjat jew jaghti xi somma flus bhala '*severance / redundancy payment'* lill-impjegat li jkun gie ssensjat.

Dan it-Tribunal jaghraf li kull process ta' *redundancy* huwa wiehed li umanament iwegga u jikkreja simpatija ma' min ikun gie ssensjat. Dawn huma pero' r-'*rules of the game*' li s-socjeta' lavorattiva qed tghix fihom u f'dan il-kuntest wiehed jikkomprendi l-effetti emottivi li sofra l-Appellant.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, dan it-Tribunal jiddikjara li l-licenzjament tal-Appellant Simon John Xuereb kien ghal ragunijiet ta' *redundancy*, u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg kienet wahda gustifikata u skont il-ligi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

**Charles Cassar**
**Chairman**

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**